# SRT

## APPLIKAZZJONI BIEX JINGĦATAW SERVIZZI REGOLARI LILL-PASSIĠĠIERI FUQ ROTOT TA' TRASPORT GĦAT-TURISTI

**Land Transport Directorate**
Telephone: (00356) 2556 0000 Website: www.transport.gov.mt

Jekk jogħġbok meta timla din il-formola uża ittri kbar u linka blu jew sewda.

L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata jew mibgħuta bil-posta lit-Taqsima Servizzi tat-Trasport, Awtorità għat-Trasport f'Malta, Triq l-Arkata, Raħal il-Ġdid.

Jekk jogħġbok żgura li mal-applikazzjoni tippreżenta wkoll il-ħlas ta' €210 għal kull passiġġier li jista' jinġarr fuq kull vettura awtorizzata minn Transport Malta għal kull rotta kull sena. Fejn in-numru ta passiġġieri ikun **aktar minn 175** li għalih issir applikazzjoni għal xi rotta l-ogħla dritt ta' €37,000 għal kull rotta, għandu jitħallas permezz ta' ċekk pagabbli lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Dan il-ħlas huwa pagabbli kull SENA mid-data li fiha tkun ingħatat l-Awtorizzazzjoni mill-Awtorita'.

F'każ li int tixtieq li tipprovdi servizz regolari ta' ġarr ta' passiġġieri fuq ir-rotot ta' trasport għat-turisti permezz ta' *Vintage Buses*, kif imfissra fir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, id-dritt stabbilit huwa ta' €500 fis-SENA għar-rotot kollha ta' trasport għat-turisti u għal kull *Vintage Bus*.

**REGOLAMENTI TAL-2009 DWAR IS-SERVIZZI TA' ĠARR TA' PASSIĠĠIERI**

**PARTI XI**

**ROTOT TA' TRASPORT GĦAT-TURISTI**

**69.** (1) L-Awtorità tista' tawtorizza operaturi, biex jagħtu servizzi regolari lill-passiġġieri fuq rotot ta' trasport għall-passiġġieri turisti soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) L-operaturi għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, l-informazzjoni kollha marbuta man-nollijiet, skedi, rotot, postijiet fejn jitilgħu u jinżlu, u kull restrizzjoni speċifika li tista' tillimita lill-passiġġier jew kategorija ta' passiġġieri milli jużaw is-servizz. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli wkoll fuq kull vettura għall-ġarr tal-passiġġieri li topera fuq dik ir-rotta;
b) L-operaturi u x-xufiera għandhom jikkonformaw ma' l-informazzjoni kollha li teżisti pubblikament skond il-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament;
c) Ix-xufiera m'għandhomx, waqt li jkunu qed jagħmlu servizzi regolari tal-passiġġieri, itellgħu u, jew iniżżlu passiġġieri oħra f'xi post ieħor barra minn dawk il-postijiet approvati biex itellgħu u jniżżlu approvati mill-Awtorità tul ir-rotta ta' ġarr ta' passiġġieri turisti;
d) L-operaturi għandhom iħallsu l-pagament stabbilit mill-Awtorità għar-rotta speċifika;
e) Jikkonformaw ma' kull kundizzjoni oħra stipulata mill-Awtorità.

(2) L-ebda operatur m'għandu juża' jew iħalli li tintuża', xi bus mikxufa reġistrata taħt il-liċenza li biha jopera, li ġiet manifatturata aktar minn għaxar snin qabel ma daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, għal xi għan ieħor minbarra biex toffri servizz fuq rotta ta' ġarr ta' passiġġieri turisti skond dan ir-regolament.

(3) Vetturi għall-ġarr ta' passiġġieri awtorizzati biex jagħtu servizz fuq rotta għat-turisti skont dan ir-regolament għandhom jiġu mgħammra bi *tracking device* skont l-ispeċifikazzjonijiet pubblikati mill-Awtorità minn żmien għal żmien. It-*tracking device* għandu, ladarba jiġi mwaħħal mal-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri, jiġi spezzjonat mill-Awtorità jew korp approvat mill-Awtorità, biex tiżgura li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet pubblikati minnha. Meta din il-konformità tiġi stabbilita, għandu jitwaħħal ma' dan it-*tracking device*, siġill uffiċjali mill-Awtorità jew korp approvat mill-Awtorità, u l-operatur għandu jiżgura li dak is-siġill għandu jkun f'ebda waqt imbagħbas jew miksur mingħajr l-approvazzjoni tal-Awtorità.

(4) L-operatur għandu jiżgura li t-*tracking device* installat f'kull vettura tal-ġarr ta' passiġġieri operata minnu skont dan ir-regolament jinżamm f'kundizzjoni tajba li jahdem f'kull ħin, li ma jkunx imbagħbas u li kull difett u ħsara jiġu rappurtati minnufih lill-Awtorità. Meta t-*tracking device* installat ikun b'xi mod difettuż jew ikun ġie imbagħbas, l-operatur għandu minnufih ineħħi l-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri milli tagħti servizz fuq rotta għat-turisti sakemm dak it-*tracking device* jew jissewwa jew jinbidel.

(5) Ix-xufier għandu jżomm it-*tracking device* mixgħul f'kull ħin waqt li jkun qed jingħata s-servizz, u għandu jiżgura li dan jirrekordja u jitrasmetti, f'ħin reali, dik l-informazzjoni li l-Awtorità tista' tordna. Din l-informazzjoni għandha tiġi miżmuma mill-operatur għal perijodu ta' tliet xhur minn meta tkun ġiet irrekordjata. L-operatur għandu, meta jiġi hekk mitlub jagħmel mill-Awtorità, għandu jgħaddi lill- Awtorità l-informazzjoni rekordjata mit-*tracking device* f'dik l-għamla raġonevoli li l-Awtorità tista' titlob.

(6) L-informazzjoni rekordjata mit-*tracking device* għandha tkun aċċettata bħala prova u għandha tikkostitwixxi prova tal-kontenut tagħha stess dwar iċ-ċirkostanzi ta' data, ħin u post fejn l-informazzjoni tkun rekordjata fi proċeduri dwar ksur ta' dawn ir-regolamenti.

(7) L-informazzjoni rekordjata mit-*tracking device* tista' tintuża mill-Awtorità bħala prova u għandha tikkostitwixxi prova tal-kontenut tagħha dwar iċ-ċirkostanzi ta' data, ħin u post fejn l-informazzjoni tkun rekordjata bil-għan li jiġu imposti penali amministrattivi.

(8) Ebda *motor route bus* ma tista' tintuża biex taħdem fuq rotta ta' trasport tal-passiġġieri turistiċi.

# APPLIKAZZJONI BIEX JINGĦATAW SERVIZZI REGOLARI LILL-PASSIĠĠIERI FUQ ROTOT TA’ TRASPORT GĦAT-TURISTI

Transport Malta

**Land Transport Directorate**
Telephone: (00356) 2556 0000 Website: www.transport.gov.mt

## TAQSIMA A: DETTALJI DWAR L-APPLIKANT

**Isem Sħiħ tal-Operatur**

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

**Numru tal-Liċenza ta’ Operatur**

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | - | | | | | | | - | | |

## TAQSIMA B: DETTALJI DWAR IR-ROTOT

**Immarka (X) ħdejn ir-Rotta/Rotot li għaliha/om qed tapplika**

| | |
|---|---|
| Rotta tat-Tramuntana | |
| Rotta tan-Nofsinhar | |
| Rotta t’Għawdex | |

## TAQSIMA Ċ: DETTALJI TAL-VETTURI

**Imla hawn taħt id-dettalji tal-vettura/i għall-Ġarr ta’ Passiġġieri li bi ħsiebek tuża biex tagħti dan is-servizz**

| Għamla tal-Vettura | Mudell tal-Vettura | Numru tax-*Chassis* | Data tal-Manifattura tal-Vettura | Numru ta’ Reġistrazzjoni tal-Vettura |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

**TAQSIMA D: DIKJARAZZJONI**

Jiena ________________________________________ (Isem u Kunjom), detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru ____________________ niddikjara li l-vettura/i elenkata/i f'Taqsima Ċ ta' din l-applikazzjoni tikkonforma/jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha stipulati fir-Regolamenti tal-2009 Dwar Is-Servizzi Ta' Ġarr Ta' Passiġġieri u li ser nagħmel użu minn dawn il-vetturi skont il-kundizzjonijiet stipulati f'Parti XI tal-istess Regolamenti.

**Firma tal-Operatur**

**Data**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | / | | | / | | | | |

**Għall-Użu tal-Uffiċċju**

**Pagament li qed jitħallas ma' din l-applikazzjoni**

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| € | | | | | | |